# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 t'Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Kevin BONNICI**
**Paul DEMICOLI**
**Paul MAGRO**

Appell numru 387/2009

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Ottubru 2009 fil-konfront ta' **Kevin BONNICI** (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 557375M) f'ismu propju u bħala impjegat tas-soċjeta Asfaltar Limited, **Paul DEMICOLI** (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 546374M) f'ismu propju u bħala sid il-proprjeta' ġewwa Triq Ramon Perellos, San Pawl Il-Baħar u **Paul MAGRO** (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 546374M) f'ismu propju u bħala Direttur u f'isem is-soċjeta' Asfaltar Limited li ġew mixlija talli nhar it-3 ta' Ġunju 2004:

   i. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġunaw il-mewt ta' żewġ persuni Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb;

ii. Talli b'nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kkaġunaw jew għamlu l-ħsara jew ħassru jew għarrqu xi ħaġa li minħabba f'hekk, ġrat il-mewt ta' żewġ persuni Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb;
iii. Talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kkaġunaw jew għamlu ħsara jew ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor;
iv. Talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuni responsabbli, naqsu li dejjem jassiguraw s-saħħa ta' persuni kollha li setgħu jiġu effetwati bix-xogħol li kien qed isir fuq dan l-istess lant tax-xogħol;
v. Talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi bħala ħaddiema naqsu li jieħdu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa tal-persuni kollha li setgħu jiġu effetwati bl-atti jew ix-xogħol tagħhom skont it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija;
vi. Talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi naqsu li jissalvagwardaw is-saħħa u s-sigurta ta' kull persuna oħra li setgħet tiġi effetwata bix-xogħol li kien qed isir fuq dan l-istess lant tax-xogħol.

Lil **Paul DEMICOLI** u **Paul MAGRO** waħidhom talli fit-tlieta ta' Ġunju 2004 u fix-xhur ta' qabel:

i. naqsu li jevalwaw r-riskji għas-saħħa u sigurta' dwar ix-xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni fi Triq Ramon Perellos, San Pawl Il-Baħar.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputati Kevin BONNICI u Paul DEMICOLI ħatja tal-akkużi kif miġjuba kontra tagħhom u kkundannat lil DEMICOLI għall-perjodu ta' tlett snin priġunerija u lil BONNICI għall-perjodu ta' tmintax-il xahar priġunerija filwaqt li ddikjarat lill-imputat Paul MAGRO mhux ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Paul DEMICOLI appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement billi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-piena nflitta u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. Illi l-ewwel Qorti għamlet ennunċazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-Liġi meta fl-obiter tal-istess sentenza straħet fuq dak li stqarru l-ko-akkużati

sabiex issib ħtija fil-konfront tal-esponent u dan bi ksur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 658 tal-Kap. 9;

ii. Illi anki konsegwenza ta' dak premess fl-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi b'mod li konsegwentement waslet għas-sejbien ta' ħtija fuq l-imputazzjonijiet kollha addebitati bħala riżultat tal-istes apprezzament erronju. F'dan ir-rigward jingħad li l-Qorti telqet mill-premessa sabiex tatribwixxi r-reita' lill-appellant li huwa kien il-kuntrattur. Issa l-appellant kien is-sid tal-post u x-xogħlijiet kienu qiegħdin isiru mill-kuntratturi minnu nkarigati bil-fattura u preċiżament Charles Tanti u Battist Hili. U in oltre, ix-xogħlijiet kienu qiegħdin isiru taħt is-superviżjoni u direzzjoni tal-Perit. In effetti x-xogħol fuq il-ħajt tal-appoġġ li kkrolla kien qiegħed isir propju in konformita' mal-istess pjanta tal-perit inkarigat mill-esponent. Anki l-Perita Richard Aquilina u Edgar Caruana Montalto qalu li x-xogħol fuq in-naħa tal-bini li ġġarraf kellu jsir bil-mod kif kien qiegħed isir.

iii. Illi mingħajr preġudizzju għal dak fuq premess, l-esponent ma setgħax legalment jinstab ħati tal-imputazzjonijiet numru 4, 5, u 6 stante li huma nieqsa mill-elementi kostitutivi tal-istess u stante ukoll li x-xogħlijiet inbdew qabel ma dawn daħlu fis-seħħ;

iv. Il-piena kienet eċċessiva u dan anki għaliex ma jidhirx li saret referenza għall-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9;

v. Illi l-ewwel Qorti applikat skorrettament l-Artikolu 533 stante li r-reat imputat seħħ fis-sena 2004 u l-Artikolu 533 ġie mibdul sabiex jinkludi wkoll l-ispejjeż bl-Att XIII tal-2005.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta’ din il-Qorti jibqa’ dak ta’ reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta’ ritrattazzjoni, u ma terġax tisma’ l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b’hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta’ reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b’dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b’mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li

ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista’ tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħati, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

---

[6] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid

din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

> Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.
>
> Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'
>
> Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.
>
> F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'
>
> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence

> iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ,

iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-PARTI SPEĊJALI

29. Illi nhar it-3 ta' Ġunju 2004, għall-ħabta tat-3.30pm daħlet telefonata fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija b'informazzjoni li fi Triq Ramon Perellos, f'San Pawl Il-Baħar, kien iġġarraf xi bini u li seta' kien hemm xi nies maqbuda taħt it-terrapien li kellhom bżonn għinuna immedjata. Ġew infurmati l-Pulizija tal-Għassa tal-Qawra, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Isptar San Luqa sabiex fuq il-post tintbagħat l-ewwel għinuna. Ġiet ordnata wkoll il-ftuħ ta' Inkjesta Maġisterjali mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Joseph Cassar LL.D. u nħatru diversi esperti sabiex jassistuh.

30. Hekk kif il-Pulizija waslet fuq il-post setgħu josservaw kif kienet waqgħet parti mill-binja bl-isem ta' St. Francis Flats liema blokk ta' appartamenti kien biswit sit ta' kostruzzjoni. Il-Pulizija raw li kien hemm mara maqbuda fil-gallarija ta' wieħed mill-appartamenti tal-binja li ġġarfet. Din il-mara kien jisimha Catherine Camilleri u kienet qiegħda tbgħati minn xokk qawwi u ġiet mgħejuna permezz tal-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili sabiex titniżżel mill-gallarija tat-tieni sular tal-imsemmija binja. Hija ttieħdet l-Isptar San Luqa għal testijiet mediċi.

31. Illi minnufih beda x-xogħol ta' tiftix mill-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili hekk kif irriżulta li seta' kien hemm xi persuni li kienu jirrisjedu fl-imsemmija blokka li kienu maqbuda taħt it-tifrik. Kien għall-ħabta tas-1.30am li l-ħaddiema sabu l-ewwel kadavru li kien ta' ċerta Maria Dolores Zarb u ftit tal-ħin wara nstab it-tieni

kadavru ta' Nadezda Vavilova. It-tabib Jonathan Joslin M.D. iċċertifika liż-żewġ persuni. bħala mejtin.

32. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li maġenb l-appartamenti St. Francis Flats kien hemm sit ta' kostruzzjoni u kien jidher li kien għaddej xi xogħol fih, liema sit kien isejjaħ lil Paul Demicoli bħala s-sid tiegħu. Irriżulta wkoll li dakinhar stess filgħodu kien inġab JCB li kien ta' Asfaltar Limited u li dan il-makkinarju kien ġie operat minn Kevin Bonnici. Irriżulta li Kevin Bonnici dakinhar tal-inċident permezz tal-JCB kien qatta' biċċa mis-suletta tal-konkos li kienet tinsab taħt il-binja li sussegwentement iġġarfet u li kienet tisporġi 'l barra u baqa' għaddej bit-tqaxxir tat-turbazz ta' taħt is-suletta. Hu kien spiċċa xogħol għall-ħabta ta' nofsinhar u telaq minn fuq il-post bil-makkinarju b'kollox.

33. Irriżulta wkoll li dakinhar tal-inċident Paul Demicoli kien niżel fuq is-sit filgħodu u li fuq is-sit kien hemm ukoll preżenti żewġ bennejja : Charles Tanti u John Baptist Hili, li kienu mqabbda minnu sabiex jaħdmu bil-fattura. Dakinhar tat-3 ta' Ġunju 2004 dawn il-bennejja kienu qiegħdin jadmu fuq ħajt li kien jinsab fuq in-naħa l-oħra tal-binja li ġġarfet, iġifieri man-naħa tal-binja magħrufa bħala l-"Hal Mann Court" u kienu spiċċaw mix-xogħol għall-ħabta tas-1.30pm.

34. Illi rriżulta wkoll li x-xogħol li kien għaddej fuq is-sit ta' kostruzzjoni ma kienx ġie notifikat lill-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta kif trid il-Liġi.

35. Sussegwentement, il-Maġistrat Inkwirenti għalaq il-Process Verbal u ordna lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jittieħdu l-passi kollha neċessarji u tittieħed azzjoni kriminali kontra Kevin Bonnici, Paul Demicoli u Paul Magro b'rabta ma' dan l-inċident prinċipalment minħabba danni sofferti minn terzi u minħabba l-mewt ta' żewġ persuni.

**Analiżi tal-provi b'rabta mal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant mertu tal-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant.**

36. Illi l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji mressqin mill-appellant DEMICOLI sejrin jiġu trattati flimkien. Illi kwantu għall-ewwel aggravju l-prinċipju reglatur huwa li kwalsiasi stqarrija magħmula minn ko-akkużat kemm favur u kemm kontra ko-akkużat ieħor m'għandhiex titqies bħala evidenza ammissibbli kif jirriżulta minn ġurisprudenza ormai konsolidata:

37. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmelo Camilleri u Theresa Agius** deċiż nhar il-11 ta' Lulju 1997 stqarr is-segwenti:

> Hu prinċipju elementari tad-dritt tal-proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm sia jekk bil-miktub ma jagħmilx prova la favur u lanqas kontra l-ko-akkużat l-ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-artikolu 636(b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita' tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż.

38. Hekk ukoll intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Omissis u Saada Sammut**: [10]

> Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat liehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.). L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.

[10] Deċiża nhar is-16 ta' Novembru 2006.

39. Bl-istess mod, fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja**[11] il-Qorti Kolleġġjalment komposta stqarret:

> Kwantu għal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor b'mod li jkun hemm ko-akkużat fil-veru sens tal-kelma-u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati.

40. Illi din il-Qorti fliet b'reqqa l-kwadru probatorju mil-lenti ta' dik l-evidenza li hija legalment ammissibbli filwaqt li ma ħaditx kont ta' dik l-evidenza li mhix kemm skont il-prinċipji viġenti illum daqskemm dawk viġenti fiż-żmien ta' meta seħħ il-fatt.

41. F'dan il-proċess hemm ix-xhieda tal-bennejja Charles Tanti, John Baptist Hili u Joseph Meli li kienu fuq il-post dakinhar filgħodu tal-inċident. Dawn kienu xhieda okulari tax-xogħolijiet li huma kienu involuti fihom u ta' dawk ix-xogħolijiet li huma raw isiru quddiem għajnejhom minn ħaddieħor. Minbarra dawn kien hemm ukoll ix-xhieda ta' Matthew Spagnol u Rita Spagnol li taw dettalji preċiżi ta' x'raw u ma rawx fuq is-sit in kwistjoni dakinhar tal-inċident. Hemm ukoll ix-xhieda tal-Perit Joseph Falzon li f'dan il-każ irriżultat konfliġġenti u kontradetta mix-xiehda li offra l-appellant DEMICOLI. Iżda rriżulta li l-Perit Joseph Falzon ġie wkoll korraborat bis-sħiħ mill-imsemmija bennejja u mid-draughtsman Kenneth Micallef meta dawn ilkoll sostnew li l-Perit Falzon qatt ma kien ta struzzjonijiet sabiex isir skavar mal-ħajt li ġġarraf.

42. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tikkondividix l-ilment tal-appellant DEMICOLI meta f'dan l-ewwel aggravju tiegħu huwa sostna li f'dan il-każ sejbien ta' ħtija setgħet issir biss fuq dak li stqarr ko-imputat fil-konfront ta' ko-imputat ieħor.

43. Dan l-ewwel aggravju għalhekk qed jiġi miċħud.

[11] Deċiż fil-31 ta' Lulju 1998.

**Ikkunsidrat**

44. Illi l-ewwel imputazzjoni hija msejsa fuq il-ksur tal-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali liema dispożizzjoni tal-Liġi fiż-żmien tat-twettiq tal-allegati reati kienet taqra bis-segwenti mod:

> Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, b'traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef Lira.

45. Illi l-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod **negliġenti** u **bħala konsegwenza diretta** ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie **kkawżat event dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż kien **prevedibbli għalkemm mhux previst**. L-elementi li jsawu dan ir-reat kienu elaborati fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** deċiż nhar l-4 ta' Frar 1961:

> Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.

46. Illi permezz tal-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi, il-leġislatur kellu f'moħħu li jipproteġi l-ħajja u l-inkolumita' tal-persuni minn kondotta volontarja, negliġenti, liema negliġenza tkun tikkonsisti 'f' nuqqas ta' ħsieb' (imprudenza), 'traskuraġni', 'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tal-aġent tar-reat (imperizja) jew 'f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti'. Illi l-Liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' xi tfisser meta tirrferi għal 'nuqqas ta' ħsieb' u 'traskuraġni', iżda huwa ċar li hawnhekk il-Leġislatur qiegħed jirreferi għal sitwazzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ħsieb u ta' diżattenzjoni f'kuntest fejn wieħed ikun rikjest jew ikun pretiż minnu li jadopera ċertu kawteli. F'dan ir-rigward il-Professur Mamo fil-Lectures in Criminal Law jgħid hekk:

> it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.

47. It-termini użati mill-Liġi Maltija jikkontemplaw diversi forom ta' kondotta kolpuża. F'dan is-sens, l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg** et deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1998 jirrileva:

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili :

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.

In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.

L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali ċjoe' kif jgħid il-Manzini ''inettitudine e insufficienza professjonale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto.''

Il-kulpa tista' tkun ukoll dovuta għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe dawk li jkollhom l-element ta' prevenzjoni bħalma hi l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

48. L-iskola tal-ħsieb tradizzjonali kontinentali tiffoka fuq il-karattru soġġettiv tan-negliġenza, fis-sens li tqis in-negliġenza bħala fattur soġġettiv, ossija stat mentali partikolari, li fih persuna ma tkunx attenta, iffukata, prudenti jew viġilanti fl-atti li twettaq. Minħabba dan l-istat mentali partikolari dik il-persuna tonqos milli tara sew in-natura tal-atti li twettaq, taċ-ċirkostanzi li fihom dawk l-atti jiġu magħmula jew il-konsegwenzi li jitnisslu minnhom iżda li dik il-persuna kienet tkun f'qagħda li tara sew in-natura, ċirkostanzi u konsegwenzi ta dawk l-atti tagħha li kieku kienet attenta, iffukata, prudenti jew viġilanti fit-twettieq tal-atti tagħha. F'din l-iskola tal-ħsieb allura l-qofol tan-negliġenza jistrieħ fuq il-fatt li l-persuna setgħet tara bil-quddiem (allura l-possibilita li tipprevedi) in-natura, ċirkostanzi u konsegwenzi tal-atti magħmulin minnha, iżda minħabba dak l-istat mentali li kienet tinsab fih dan ma tkunx għamlitu.

49. Skola ta' ħsieb oħra pero ma tqisx li n-negliġenza hija kwistjoni ta' natura soġġettiva, iżda għal kuntrarju, tqisha bħala materja ta' natura oġġettiva, li allura mhix bażata fuq xi stat mentali partikolari, iżda fejn in-negliġenza tkun riflessa f'kondotta speċifika u partikolari tal-persuna taħt eżami. In-negliġenza, għal din l-iskola tal-ħsieb, tirrifletti ruħha fil-fatt li fl-imġieba tagħha dik il-persuna tonqos milli tieħu ċerti prekawzjonijiet mistennija minnha biex ma ssirx ħsara lil dawn il-persuni jew li bħala persuna li tgħix qalb persuni oħra twettaq għemil li jista' jkun partikolarment perikoluż. Allura f'dan il-kurrent ta' ħsieb jekk tiġi stabbilita rabta diretta bejn

din it-tip ta' mġieba u l-eventwali ħsara lil terzi b'riżultat ta' dik l-imġieba, il-persuna li tkun wetqet dak l-att titqies penalment responsabbli għall-imġieba kolpuża tagħha. F'dan il-kurrent tal-ħsieb għalhekk ir-responsabbilta' kriminali kostitwenti l-kolpuż ma tistrieħx fuq il-prevedibbilita tal-event dannuż mill-awtur tal-fatt, iżda tissejjes fuq il-fatt innifsu tal-imġieba speċifika tal-awtur ossija l-fatt li l-awtur tal-fatt ikun aġixxa bil-mod traskurat jew imprudenti kif previst mill-Liġi.

50. Il-Liġi Maltija għażlet li ma tatix tifsira legali lit-terminu "negliġenza". Għażlet li tirrendi ċerti atti jew imġieba speċifika bħala passibbli kriminalment jekk imwetqa b'mod "negliġenti". Il-ġurisprudenza minn naħa tagħha qieset in-"negliġenza" bħala dik l-assenza ta' kura u prekawzjonijiet li persuna ordinarja tkun mistennija li tieħu meta twettaq atti volontarji speċifiċi. Il-Liġi tippreskrivi ċirkostanzi, atti, imġieba jew stati mentali li għandhom jitqiesu negliġenti meta jivverifikaw ruħhom. Hekk, per eżempju l-artikoli 225 jew 328 tal-Kodiċi Kriminali jimmanifestaw il-kunċett tan-negliġenza fit-twettieq ta' mġieba speċifika volontarja li tkun magħmula b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.

51. Il-Liġi Maltija tinkludi fl-ambitu tat-tifsira tan-negliġenza kemm atti omissivi partikolari (ad eżempju nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti) kif ukoll stati mentali speċifiċi (nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni) u li jridu allura jkunu segwiti b'event dannuż. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li xi wieħed jew iżjed minn din l-imġieba jew dawn l-istati mentali partikolari jkunu jeżistu biex jikkwalifikaw bħala negliġenti l-att volutament imwettaq mill-awtur tiegħu u li jikkawża l-event dannuż.

52. Il-ġurisprudenza maġġoritarja Maltija tisħaq fuq il-ħtieġa li biex jitqies integrat ir-reat kolpuż trid tirriżulta l-prevedibbilita tal-event dannuż da parti tal-awtur tal-att inkriminat. Fil-każ tar-reat kolpuż, l-awtur tal-att ma jkunx irid li jwettaq l-event dannuż; jew li bl-att tiegħu iseħħ l-event dannuż. Iżda jrid jirriżulta li huwa setgħa jipprevedi dak l-event dannuż bħala konsegwenza tal-att imwettaq minnu (kieku kien moħħu hemm u attent fit-twettieq tal-att tiegħu). Il-Qorti trid tistabbilixxi l-possibilita li l-awtur jara bil-quddiem l-event dannuż li huwa wettaq bl-att tiegħu, anke jekk ma riedx li dan l-event dannuż iseħħ. L-awtur tal-att jitqies li kien negliġenti meta huwa jonqos milli jipprevedi dak l-event dannuż fejn dak l-

istess event dannuż kien prevedibbli minnu (li kieku kien moħħu hemm, attent fl-għemilu, prudenti, viġilanti eċċetra).

53. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo fin-noti tiegħu **Lectures in Criminal Law**, jagħmel referenza għall-insenjament tal-ġurista Francesco Carrara:

> Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa.

54. Francesco Antolisei, fil-ktieb tiegħu **Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)**[12] wkoll jiċċita lil Francesco Carrara fejn dan qal is-segwenti:

> Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' **l'essenza della colpa sta nella prevedibilita.**[13]

55. Aspett ieħor tal-prevedibilita ġie analizzat minn lenti dottrinali partikolari fl-appell kriminali **Saverina sive Rini Borg** appena ċitat fejn il-Qorti fissret kif huwa propju l-element tal-prevedibbilita' li jiddistingwi l-kolpuż mid-doluż u għalhekk isir ċentrali li jiġi eżaminat l-istat mentali tal-aġent tar-reat sabiex issir din id-distinzjoni:

> Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita' ta' l-event dannuż li kondotta llegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejħa colpa incosciente a differenza minn dik l-imsejħa colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist tal-akkadut.

56. Il-Qorti kompliet tispjega kif għalkemm l-element ta' prevedibbilita' għandu jkun preżenti f'kull waħda mill-forom tal-aġir kolpuż (imprudenza, imperizja u negliġenza), madanakollu l-element tal-prevedibilita jista' jimmanifesta ruħu f'forom differenti:

> Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli, temerġi meta fil-kondotta ta' l-aġent hemm l-element tan-negliġenza, imprudenza, imperizja, jew nuqqas ta' tħaris ta' dritt. Il-kulpa l-oħra (cosciente) tirriżulta meta quddiem il-kondotta tal-aġent, l-akkadut dannuż bħala konsegwenza għal dik il-kondotta jidher possibbli u b'dana kollu, hu xorta wettaq dak l-aġir tiegħu bl-isperanza li dak li possibbli jiġri, fil-fatt ma jiġrix. Din it-tip ta' kulpa (cosciente) għalhekk hi forma aktar gravi mill-kulpa normali (incosciente) ċjoe' dik tal-prevedibbli u mhux prevvist u dan għaliex fil-każ tal-colpa

[12] Antolisei, Manuale di Diritto Penale (Parte Generale) (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

cosciente, dik tal-prevvist, hija viċin ħafna ta' u tikkonfina mad-doluż, il-volut.

57. Il-kejl li bih il-Qorti tkun trid tistħarreġ dan il-grad ta' prevedibbilita tal-event dannuż, u allura jekk u safejn l-awtur tal-att setgħax, messux u kellux jara bil-quddiem dak l-event dannuż, ippresta ruħu wkoll għal dibattitu dottrinali u ġurisprudenzjali, b'veduti diversi. Jeżistu żewġ teoriji:
(a) dik oġġettiva li tibbaża t-test tal-prevedibilita' fuq il-perspettiva tal-bonus paterfamilas u ċjoe' ta' persuna ta' sagaċja ordinarja; u
(b) dik soġġettiva li tenfasizza l-istat mentali tal-awtur tar-reat fil-mument li jagħmel l-att li wassal għall-event dannuż f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari li jkun jinstab fihom.

58. Fl-appell kriminali **Perit Louis Portelli** ċitat iżjed il-fuq, il-Qorti Kriminali kienet ħadet il-linja li tadotta t-test oġġettiv, billi tistrieħ fuq il-grad ta' kura u prudenza li huwa raġonevolment meħtieġ minn persuna ta' prudenza ordinarja fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Huwa dak il-grad meħtieġ mill-**bonus paterfamilias**, ossija dik il-persuna raġonevolment prudenti. L-analiżi ta' dan il-grad ta' kura u prudenza jeżiġi stħarriġ tal-fatti f'kull każ partikolari b'mod dettaljat:

> Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna **li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali**[14]: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza talkaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"

59. Madanakollu, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** deċiż nhar it-23 ta' Jannar 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti wriet propensita li tagħti wkoll konsiderazzjoni lit-test soġġettiv in kwantu t-teorija tat-test oġġettiv ma tikkunsidrax biżżejjed l-istat mentali tal-akkużat fil-mument li jkun qiegħed iwettaq l-għemil krimunuż (negiġenti) **<u>f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun jinsab fihom:</u>**

> Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et.** F'dik is-sentenza nghad hekk:

**"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att.[15]** Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland:

""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."

"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"4 u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.

"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.

foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."

60. F'dan il-kuntest, il-ġurisprudenza qieset ukoll l-applikazzjoni ta' dawn it-testijiet anke b'riferenza għall-kapaċita li fiha persuna tkun qegħda taġixxi. Kif l-appell kriminali **Perit Louis Portelli** u oħrajn li segwewh juru, il-ġurisprudenza adottat regoli speċifiċi li anke jiddistingwu ċerti kriterji fid-determinazzjoni tar-responsabbilta kriminali fil-każ fejn persuna tkun qegħda teżerċita professjoni arti jew sengħa speċifika u fejn allura tqum kwistjoni ta' "responsabilita professjonali" għal sitwazzjonijiet oħrajn ta' reati kolpużi li ma jkunux jinvolvu fattispecie ta' din in-natura.

61. Inotre, il-ġurisprudenza Maltija teħtieġ ukoll li jiġi pruvat li jkun hemm dik ir-rabta diretta kawżali bejn l-aġir negliġenti u l-event dannuż. B'hekk jekk l-agir negliġenti imputat lill-awtur tal-att ma jkunx kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, huwa ma jkunx jista' jitqies penalment responsabbli. **Kawża prossima u effettiva tal-event dannuż ma tfissirx li trid tkun unika**. Iġifieri jista' jkun hemm diversi kawżi li jwasslu għal event dannuż u li jistgħu wkoll ikunu attribwibbli għal atti mwetqa minn diversi persuni. Dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit li l-att kien tali li jista' jitqies kawża prossima u effettiva tal-event dannuż – anke jekk ma tkunx il-kawża prinċipali jew unika tal-event dannuż. Bosta drabi jiġri li event dannuż ikun ir-riżultat ta' diversi atti kommissivi jew omissivi attribwibbli lil iżjed minn persuna waħda u li bħala riżultat tal-kontribuzzjoni kumulattiva tagħhom kollha flimkien jiddeġeneraw f'event dannuż.

62. Għalhekk il-fatt li l-event dannuż ikun riżultat ta' pluralita ta' atti kommissivi jew omissivi ta' persuni differenti ma jeħilsux mir-

responsabilita penali lil dak l-awtur ta' att li jirriżulta formanti parti minn dik il-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż. Semmai kull wieħed minn dawk l-awturi ta' atti singoli varji kontributorji, b'effetto domino li jiddeġenera fil-kawża prossima u effettiva tal-event dannuż, ikun irid jirrispondi għall-att kommissiv jew omissiv tiegħu. Ir-responsabilita penali ta' kull awtur speċifiku tkun trid tiġi mistħarġa fil-meriti tagħha indipendentement mir-responsabilita penali tal-komparteċipi potenzjali l-oħra. Il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa - u d-dmir - li tieħu kont u qies tal-grad ta' dik il-kontribuzzjoni meta tiġi biex tiddetermina l-entita tar-responsabilita individwali ta' kull awtur singolu skont kif ikun jirriżulta fil-każ partikolari meta tiġi biex terogalu s-sentenza xierqa.

63. Illi minbarra d-distinzjoni bejn atti ta' negliġenza bażati fuq l-istati mentali partikolari u oħrajn bażati fuq kondotta speċifikata, issir ukoll distinzjoni ulterjuri bażata fuq is-sors ta' dawk l-atti; iġifieri :

(i) kondotta kolpuża konsistenti fi ksur ta' kondotta bażata fuq l-esperjenza komuni jew teknika; u

(ii) kondotta kolpuża derivanti minn non osservanza t'obbligu statutorju li l-Leġislatur ikun ħaseb fih sabiex jipprovdi għall-protezzjoni tal-persuni bil-mezz ta' impożizzjoni ta' prekwazzjonijiet meħtieġa biex jilqgħu kontra l-possibilita' ta' eventi dannużi. Dan ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** deċiż nhar is-26 ta' Marzu 1998:

> L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivanti mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem ''nuqqas ta' ħsieb'', ''traskuraġni'' u ''nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni'' filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem ''nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti''. Huwa appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-leġislatur mhux qiegħed jirreferi biss għal-leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordniiet eċċ) iżda għal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita u għalhekk qed tirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti ppromulgati minn enti privati (bħal per eżempju r-regolament infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika.

64. Illi fejn l-obbligu ta' tħaris ta' regolamenti ta' prevenzjoni huwa naxxenti mil-Liġi u ma jiddependix kwindi sempliċement fuq il-valutazzjoni ta' persuna tas-sengħa jew esperjenza teknika, in-nuqqas ta' osservanza ta' tali obbligu ma jibqax klassifikat biss bħala traskuraġni b'mod ġenerali iżda jsir ksur ta' obbligu statutorju. U allura, b'intervent leġislattiv mirat lejn il-protezzjoni ta' terzi persuni

minn eventi dannużi, il-Liġislatur jimponi fuq persuni partikolari eżerċenti ċerti attivitajiet li jistgħu ikunu wkoll perikolużi għal terzi persuni l-kunċett ta' "duty of care". B'rabta ma' dan allura, il-Leġislatur jagħraf li f'kuntest partikolari bħalma hu f'każ ta' sit ta' kostruzzjoni, dan id-dover isir imperattiv.

65. Fil-Liġi Ingliża, f'każ ta' Gross Negligence Manslaughter, sabiex jirriżulta li persuna tkun 'in breach of the duty of care' jrid qabel xejn ikun jirriżulta li kien hemm a priori a legal duty. F'**Airedale NHS Trust vs. Bland**[16] (1993) AC 789 Lord Mustill qal li:

> Unless there is a pre-existing duty of care, a failure to act, even if it results in death, cannot amount to GNM.

66. U f'dan is-sens, l-appekk kriminali superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis**, deċiż nhar il-25 ta' Settembru 2008, intqal:

> Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jinghad mill-awturi Timothy H. Jones u Michael G. A. Christie fil-ktieb taghhom Criminal Law mis-serje **Greens Concise Scots Law** dwar il-kuncett ta' duty of care jew duty to act:
>
> **"There are also instances where the common law would probably impose a duty to act. This will be the case where an individual has undertaken to do something upon which the health and safety of others depends**.[17] Examples of this are the cases of **William Hardie**, where a charge of culpable homicide brought against an Inspector of Poor who had ignored the deceased's application for poor relief was held to be relevant, and an English case, **R. v. Instan**, where a fatal omission by a niece to provide food and medical attention for her invalid aunt resulted in a manslaughter (equivalent to culpable homicide) conviction. The crimes in these two examples were committed **by failing to fulfil a legal duty**.[18] In **William Hardie** the legal duty was derived from a contract. The failure to act was not just a breach of contract with his employer, however, but provided the basis for a conviction: the duty of care also extended to members of the public he was paid to protect. In **Instan** the duty had been assumed voluntarily. This would seem to imply that if someone agreed to look after a neighbour's child and the child drowned in the bath while that child-minder was watching television, then a conviction for culpable homicide could ensue. This scenario could be analysed either in terms of a voluntary assumption of a duty of care or of a contractual obligation."
>
> ..../.....

---

[16] The Crown Prosecution Service | The Crown Prosecution Service (cps.gov.uk) Aċċess: 26 ta' Awwissu 2021
[17] Enfasi ta' din il-Qorti.
[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

Imbaghad f'Archbold – **Criminal Pleading, Evidence and Practice 2006** jinghad dwar id-duty of care:

"The duty of care belongs more to the fields of contract and tort than to this work. However, the following should be noted.

"(a) It is in general for the judge to decide whether there is evidence capable of giving rise to a duty of care, and, if there is, it is for the judge to give the jury appropriate directions, but it is for the jury to decide, in the light of those directions, whether the defendant in fact owed the deceased a duty of care; but there might be exceptional cases where a duty of care obviously existed, as between doctor and patient or **where Parliament had imposed a statutory duty**[19], and, in such cases, the judge could properly direct the jury as to the existence of the duty: R. v. Willoughby [2005] 1 Cr.App.R. 29, CA. See also R. v. Khan and Khan, ante, and R. v. Sinclair, 148 N.L.J. 1353, CA (978400/2/4 Yf).

"(b) A person may become liable for manslaughter by neglect of a positive duty arising from the nature of his occupation: R. v. Lowe (1850) 3 C. & K. 123 (an engineer in charge of the lift in a mine left it in the care of an ignorant boy); R. v. Markus (1864) 4 F. & F. 356 (a doctor absenting himself for the purpose of sport or some similar activity left unattended a patient whom he knew to be in a precarious condition); R. v. Curtis (1885) 15 Cox 746 (a local authority officer neglected to provide medical assistance to a destitute person).

67. L-appell **Tarcisio Fenech** imsemmi jisħaq li meta l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq 'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti', jinkludi kull ksur ta' regolamenti inkluż dawk tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol in kwantu fin-natura tagħhom dawn ir-regolamenti jippreskrivu serje ta' obbligi li għandhom jiġu assunti minn diversi persuni (skont it-rwol) fuq il-lant tax-xogħol sabiex jiġu evitati inċidenti.

68. Dan allura jfisser li apparti li l-ksur tar-regoli tas-saħħa u tas-sigurta fuq il-post tax-xogħol jammonta għal reat kriminali taħt il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk jirriżultaw l-elementi tal-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan ikun jirreferi għal 'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti', l-istess kondotta tista' tagħti lok ukoll għall-responsabilita' penali taħt l-imsemmija dispożizzjoni. Azzjoni waħda ma teskludix lill-azzjoni l-oħra.

69. Fuq dan il-punt il-Liġi Maltija tiddistingwi ruħha mill-Codice Penale Taljan in kwantu l-articolo 589(2) il-vjolazzjoni ta' normativa li tipprovdi dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol li minħabba tali tirriżulta fil-mewt ta' persuna, tammonta għall-

[19] Enfasi ta' din il-Qorti.

ċirkostanza aggravanti tar-reat ta' omicidio colposo.[20] F'dan ir-rigward il-Corte di Cassazione tgħid:[21]

> **Cassazione penale n. 33244/2019**: In tema di reato colposo, devono intendersi norme per la prevenzione di infortuni sul lavoro – la cui violazione integra le circostanze aggravanti di cui all'art. 589, secondo comma, e 590, terzo comma, cod. pen, - non soltanto quelle contenute nelle leggi specificamente dirette ad essa, ma anche tutte le altre che, direttamente o indirettamente, perseguono il fine di evitare incidenti sul lavoro o malattie professionali e che, in genere, tendono a garantire la sicrezza del lavoro in relazione all'ambiente in cui esso deve svolgersi.

> **Cassazione penale n. 22022/2018**: In tema di reato colposo, per norme sulla disciplina per la prevenzione di infortuni sul lavoro si intendono sia quelle contenute nelle leggi specificatamente dirette ad essa, sia quelle che direttamente o indirettamente, perseguono il fine di prevenire malattie professionali e che, in genere, tendono a garantire i lavoratori in relazione ad agenti nocivi presenti nell'ambiente di lavoro.

## Ikkunsidrat

70. F'paġna 443 l-appellant DEMICOLI jistqarr kif xogħolu huwa dak ta' kuntrattur u ta' kif kien ilu jaħdem fil-ġebel sa mis-sena 1988. Qal li kien ilu għoxrin sena jaħdem fil-ġebel. Dan juri li l-appellant kien bniedem tas-sengħa. Matul dawk is-snin inevitabilment kien akwista esperjenza fuq il-lant tax-xogħol tiegħu. Ma jistax jitqies novell għal dak il-qasam partikolari, bniedem bla esperjenza ta' xejn li kostrett jaġixxi biss taħt struzzjonijiet ta' persuni oħra, tekniċi jew le, u li jkunu midħla tal-industrija tal-kostruzzjoni. Ma jirriżultax li f'xi ħin l-appellant ilmenta li ma kienx jaf x'inhu jiġri fis-sit ta' kostruzzjoni fejn seħħ l-inċident. Minkejja li f'paġna 447 fix-xiehda tiegħu DEMICOLI jgħid li huwa kien sar il-kuntrattur fuq is-sit **wara** li l-bini kien waqa, minn diversi xhieda jirriżulta kif kien hu l-persuna li kienet qiegħda ssegwi x-xogħol li kien għaddej f'dak is-sit.

71. F'paġna 74, Marie Diane Mule Stagno tixhed li:

> Fuq is-sit konna naraw lil Paul Demicoli. Is-sit in kwistjoni jappartjeni lil Paul Demicoli.

---

[20] Ai sensi del comma 2, l'omicidio colposo risulta aggravato qualora sia commesso violando le norme in materia di prevenzione degli infortuni sul lavoro, considerato che il datore di lavoro risulta essere titolare di una posizione di garanzia nei confronti del lavoratore, essendo suo onere l'adonzione di tutti gli strumenti idonei a garantire la sicureaa dei propri dipendenti. Tale previsoone risponde, dunque, alla volonta'del legislatore di rafforzare la tutela del bene vita contro l'annoso problema degli infortuni sul lavoro - Art. 589 codice penale - Omicidio colposo - Brocardi.it aċċessata 29.8.2021

[21] Consulenze legali, codici commentati, dizionario giuridico e notizie - Brocardi.it Aċċess: 18 ta' Awwissu 2021

72. F'paġna 1217, George Sciberras jixhed li:

> Jien kont rajt biss lill-Paul Demicoli li qed ngħid li huwa l-imgħallem. **Kont narah fuq il-post meta kienu qed jimbnew il-flats.**[22]

73. Paul DEMICOLI kien ukoll iqabbad il-bennejja u jħallashom bil-fattura. John Baptist Hili kien wieħed minnhom. F'paġna 445 tax-xiehda tiegħu DEMICOLI jgħid li huwa kien beda jqabbad lil John Baptist Hili fix-xogħol tiegħu għax kien rah bennej kapaċi, pjanta kien jifimha tant li kien itih pjanta u mbagħad kien ikun Hili, skont DEMICOLI, li jiddilja mal-Perit. Hili minn naħa tiegħu jgħid li kien jaħdem ma DEMICOLI bil-fattura, iżda taħt l-istruzzjonijiet ta' DEMICOLI. DEMICOLI kien ukoll jagħti struzzjonijiet lil persuni oħra fuq il-lant tax-xogħol fejn ikun qiegħed jiżviluppa. Il-Perit Joseph Falzon jixhed ukoll li DEMICOLI kien il-klijent tiegħu u kien iqabdu. F'dan il-każ, DEMICOLI kien ikun preżenti fuq is-sit, kif jirriżulta wkoll mix-xiehda tal-ġirien.

74. F'dan il-każ, il-kwistjoni ċentrali hija min kien ta l-istruzzjonijiet sabiex isir skavar taħt il-binja St. Francis Flats u fiex kienu jikkonsistu dawn l-istruzzjonijiet.

75. Paul DEMICOLI xehed li xi jumejn jew tlieta qabel ma kien waqa' l-ħajt kien mar il-perit fuq il-post u hu kien presenti. Kien hemm ukoll John Baptist Hili u Chalie Tanti. Dak il-ħin kien il-perit li tkellem ma John Baptist Hili (li sadattant kien laħaq miet) u spjegalu li x'kellu jsir rigwardanti l-ħajt li wara kkrolla. Fuq dak il-ħajt kien hemm it-tafal ftit il-barra u John Baptist Hili kien dar fuqu u qallu li ma setgħax jippretendih li kien se jaqtgħu b'idejh:

> U ghalhekk ghidtlu li ngiblu l-JCB li jaqta' dan il-hajt bih. Effettivament gibtlu l-JCB. Cemplu lil Pawlu ta' l-Asfaltar u dan jablu l-JCB. Ma kienx Pawlu li gie bil-JCB imma is-socjeta tieghu. Dak inhar naf li l-perit lil Battist tah wkoll xi pjanta....Nghid li ma Paul Magro tkellimt fuq il-JCB. U ghidtlu li kellna bzonn JCB. Pero qatt ma ltqajt ma Paul Magro fuq il-post. U kien Battist Hili li spjega kif kellu jinqata' dan il-hajt, mhux jiena. Mhux minnu li meta kien prezenti l-perit qalilna biex il-hajt ma mmissuhx u ma nahdmux hemm. Mhux vera. Kieku kien jagħtina pjanta bil-lines isfar. Mhux bil-pjanta bil-qies ezatt kemm..... Battist ma riedx jaqta' l-hajt ta' l-appogg b'idejh u ghal hekk talab il-JCB. L-ahhar darba li mort fuq il-post kien meta kien hemm il-perit. Dakinhar tal-inċident pero' kont mort fuq il-post filgħodu u kont tlabthom jekk kellhomx bżonn xi ħaġa u tlaqt. **Ma domtx iktar minn**

[22] Enfasi ta' din il-Qorti.

**10 minuti hemm**.[23] Kien hemm il-JCB pero' x-xogħol kien qed jagħmel ma tajtx każ. Jekk mhux sejjer żball meta kont hemm hekk jiena **wieqfa kienet**.[24]

76. Din il-verżjoni ta Paul DEMICOLI ġiet kontradetta b'mod konsistenti minn dak li qalu xhieda oħra bħalma huma l-bennejja John Baptist Hili, Chalie Tanti u kif ukoll il-Perit Joseph Falzon. Il-bennejja kienu ċari fix-xhieda tagħhom meta dawn qalu li l-istruzzjonijiet biex titneħħa s-suletta tal-konkos kienet ingħatat minn Paul DEMICOLI. Anzi **kien DEMICOLI li qallhom biex jagħtu dawn l-istruzzjonijiet lil tal-JCB meta dan jasal fuq il-post.** F'paġna 171 tax-xhieda tiegħu l-bennej Charles Tanti jgħid hekk:

> Mistoqsi min kien jaghti struzzjonijiet tax-xoghol nghid li jew l-imputat Demicoli jew il-Perit Joseph Falzon....Dakinhar ta' l-incident pero l-perit ma kienx hemm. Kien gie xi gimgha jew xi erbat ijiem qabel. Il-perit qatt ma kellimni fuq tqattiegh. Fil-prezenza tieghi il-perit lanqas ma tkellem fuq tqattiegh ta' xoghol ma haddiehor. Mistoqsi kemm-il darba kien jigi fuq il-post is-Sur Demicoli nghid li fil-bidu kien jigi ta' spiss u nghid ukoll li dak inhar ta' l-incident kien gie wkoll. Jien kont nirreferi l-problemi li kien ikolli jew lis-sid jew lil perit. Dak inhar ta' l-incident jiena ma kontx hdimt fuq il-hajt in kwistjoni. Il-JCB gie biex jaghmel dik is-suletta biss. Mistoqsi jekk qallux x'kellu jaghmel ma nafx. Demicoli kien tani risposta biex jitnaddaf dak il-ħajt cioe il-ħajt fejn hemm is-suletta. Ħalla risposta li jekk jiġi tal-gaffa kellu jnaddaf dak il-ħajt. **Jiena u sieħbi urejna s-suletta lill-imputat Bonnici li kien qalilna Demicoli fis-sens li dik kienet is-suletta li kellha tinqata'.**[25]

77. Charles Tanti reġa' xehed f'foljo 388 tal-atti proċesswali u in kontro-eżami jinsisti fuq l-istruzzjonijiet li huma l-bennejja kienu rċevew **mingħand Paul DEMICOLI** fir-rigward ta' x'xogħol kellu jagħmel tal-JCB mal-ħajt li eventwalment iġġarraf:

> Nghid li qabel l-inċident (Demicoli) kien qalilna li kellha tigi tal-gaffa. Kellna nghidu lil tal-gaffa biex jittrimja s-suletta li kien hemm... Tal-gaffa huwa Kevin Bonnici...Jien kull ma rajtu dak inhar. Kevin Bonnici meta gie gheddejnilu risposta biex jaqta' s-suletta u hekk kellu jaghmel jaqta' s-suletta. Nghid li dak inhar Paul Demicoli gie u ra lil Kevin Bonnici jqatta' mas-suletta. Ma waqqfuha mix-xoghol li kien qed jaghmel, baqa sejjer. Nghid li dak inhar Paul Demicoli kien dam bejn 20 minuta u nofs siegha. Wara li telaq Demicoli, Kevin Bonnici baqa' jaghmel ix-xoghol jqatta' mas-suletta. Mistoqsi x'tip ta' xoghol kien qed jaghmel Bonnici nghid li kien qed iqatta' bil-JCB u imbaghad jixkupah bil-bucket taghha stess. Nghid li kien hemm ftit turbazz taht is-suletta u trimjah u fejn ma kienx hemm ma trimjahx.

78. Il-bennej l-ieħor, John Baptist Hili, kien xehed quddiem l-espert Richard Aquilina nhar l-4 ta' Ġunju 2004. Huwa jgħid li dakinhar tat-

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.
[24] Enfasi ta' din il-Qorti.
[25] Enfasi ta' din il-Qorti.

3 ta' Ġunju 2004 hu wkoll kien qiegħed jaħdem fuq is-sit in kwistjoni flimkien ma' Charles Tanti. A fol 114 u 115 tal-Proċess Verbal igħid hekk:

> Jiena nahdem bhala bennej ma' Paul Demicoli u ili mieghu xi erba' snin. Ili nahdem fil-gebel xi erbghin sena. Fuq il-plot fejn gara l-incident bdejt xoghol xi ghaxart ijiem ilu. Meta bdejt ix-xoghol flimkien ma' Charles Tanti, fuq dan is-sit ma kien hemm ebda xoghol ta' bini. L-art kienet mhammla kollha sa xi tminn filati taht it-triq...
>
> Nhar il-Erbgha Pawlu Demicoli qalli li l-bierah kellu jigi ta' l-asfatlar bil-JCB biex jittrimja l-hajt tan-naha tax-xellug. Nispjega li l-hajt ta' l-appogg ta' mal-bini li waqa' kien imtella' fuq it-turbazz li anke tiqatta bil-fies. Kienu jidhru xi erba' piedi gholi ta' dan it-turbazz.
>
> Fuq dan it-turbazz kien hemm xi sitt pulzieri konkos u fuq dan kien hemm il-knatan imqegħda kontra għal rashom, izda s-suletta tal-konkos kienet xi pied aktar il-barra minn dawn il-knatan li kienu ta' filata wahda. Fuq dawn il-knatan kien hemm hajt ta' xi sulari li deher li kien dobblu peress li r-rimanenti kien jirtiera l-gewwa b'xi tlett pulzieri.
>
> Ghal habta tad-09.30a.m. giet il-gaffa bil-JCB u dak beda jittrimja l-hajt ta' fuq. Dak ħadem **taħt l-istruzzjoni ta' Paul Demicoli.**[26] Dak qatta l-isporgenza tas-suletta tal-konkos sa wiċċ l-irjus tal-knatan u qatta' wkoll it-turbazz ta' taht is-suletta. Il-konkos qattghaw bil-musmar u tfaccat ix-xibka li kienet ghat-tul tas-suletta. Il-materjal li tqatta' intuza ghall-irdim fin-naha ta' wara.
>
> Nispjega li x-xoghol sar b'dan il-mod, li l-ewwel qatta' bicca tul ta' xi sitt piedi, halla bicca ta' zewg piedi, rega' qatta' tul ta' xi sitt piedi u kompla b'dan il-mod.
>
> Hu lesta f'xi 1.00p.m. u telaq, izda f'xi 11.00a.m. gie Pawlu Demicoli u smajtu jitolbu jgiblu xi zewg vjeggi torba ghall-irdim. Pawlu dam xi ftit minuti fuq il-lant tax-xoghol u f'dak il-hin tal-JCB kien qieghed jahdem.
>
> Jien tlaqt minn fuq ix-xoghol f'xi 13.30, fil-hin tas-soltu u sa dak il-hin ma kien inqala' xejn fil-hajt tal-appogg, tant li jien kont ghamilt ilqugh biex nghati filata konkos ghall-pedament tal-hajt li kont sa ntella' quddiem it-turbazz.
>
> Meta tqattghet is-suletta, hu nizel incim maghha.

79. Illi mix-xhieda tal-bennejja Charles Tanti u John Hili jirriżulta li l-istruzzjonijiet tax-xogħol li kellu jsir fuq in-naħa tas-sit fejn waqa' l-bini tahom Paul DEMICOLI. Irriżulta wkoll li dawk l-istruzzjonijiet **ma kinux sempliċement jikkonsistu f'xogħol ta' tindif ta' turbazz iżda ta' skavar tas-suletta tal-konkos** li kienet qiegħda

[26] Enfasi ta' din il-Qorti.

sservi bħala parti mill-pedament għall-binja kollha. Dix-xhieda tikkontradiċi lil Paul DEMICOLI wkoll meta dan sostna li fuq il-post kien dam ftit minuti biss, u li l-JCB dak il-ħin li hu kien hemm kien wieqaf. Meta Charles Tanti xehed quddiem il-Perit Aquilina stqarr ukoll li Paul DEMICOLI kien għamel xi kwarta jitkellem ma tal-gaffa; kif ukoll li f'paġna 171 tax-xhieda tiegħu Tanti jerġa' jtenni li meta ġie Demicoli fuq is-sit dakinhar tkellem ma' tal-gaffa direttament. U dan kien reġa tennieh, kif intwera iżjed il-fuq, meta reġa' xehed f'foljo 388 tal-atti proċesswali.

80. L-appellant DEMICOLI minn naħa tiegħu jitfa' r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jsir xogħol mas-suletta tal-konkos tal-appoġġ in kwistjoni fuq il-Perit Joseph Falzon. DEMICOLI insista li huwa kien aġixxa taħt l-istruzzjonijiet tal-Perit Falzon fir-rigward tax-xogħol kollu **<u>nkluż</u>** ix-xogħol ta' skavar li wassal għaċ-ċediment tal-ħajt tal-binja in kwistjoni. Iżda din il-verżjoni tal-appellant DEMICOLI ma sabitx korraborazzjoni f'dak li stqarrew xhieda oħra bħalma huma l-Perit Joseph Falzon u d-draughtsman tiegħu Kenneth Micallef. Ix-xhieda tal-bennejja kienet kruċjali fid-determinazzjoni ta' min effettivament kien il-moħħ ta' wara d-deċiżjoni li jsir skavar mal-appoġġ tal-ħajt li waqa'. Filwaqt li DEMICOLI sostna li l-bennejja kienu ngħataw l-istruzzjonijiet f'dan is-sens mill-Perit Falzon, la l-Perit Falzon u l-anqas id-draughtsman Micallef ma jikkonfermaw dan. Iżda aktar minn hekk l-anqas il-bennejja stess ma jikkonfermaw dan in kwantu ċaħdu li qatt sar xi forma ta' diskors mal-Perit Falzon f'dan is-sens. Il-pjanta li effettivament għadda l-Perit Falzon lil Hili kienet fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-pilastri li kellhom isiru fin-nofs tal-plot. F'paġna 171 tax-xhieda tiegħu, il-bennej Charles Tanti jgħid hekk:

> **Il-perit qatt ma kellimni fuq ix-xogħol ta' tqattiegh.**[27] Fil-prezenza tieghi lanqas ma haddiehor ma tkellem fuq xoghol ta' tqattiegh.
>
> .../....
>
> Nikkonferma li dak il-hin gie Paul Demicoli fuq is-sit, tkellem ma' tal-gaffa direttament. Kien diga beda bix-xoghol qabel ma wasal Paul Demicoli. Beda bix-xoghol tal-gaffa bil-musmar.

81. U meta reġa' xehed f'foljo 389 tax-xhieda tiegħu l-bennej Charles Tanti xehed hekk:

---

[27] Enfasi ta' din il-Qorti.

Nghid li xi tlett ijiem qabel l-incident, il-perit kien gie fuq il-post u kellem lil Hili. Fil-fatt l-iktar li tkellem kien ma' Hili fuq il-pjanti. Il-perit kien qalilna biex naghmlu xi pilastri fuq in-naha ta' wara ta' Hal Mann u biex naghmlu xi pilastri fin-nofs. **Fit-thammil tal-genb sa fejn naf jien ma ta l-ebda struzzjoni.**[28] Tan-nofs kienu bazi kwadri, xi 8 jew 10 piedi kwadri kbar. **Il-pilastri kienu jigu f'nofs il-blokka u ma kellhom x'jaqsmu xejn max-xoghlijiet li kienu qed isiru mal-hitan tal-appogg ta' St. Francis Flats.**[29]

82. Illi l-verżjoni tal-Perit Falzon meta dan tenna b'mod konsistenti li l-unika struzzjonijiet li kien ta lill-bennejja kien rigward il-pilastri li kellhom isiru fin-nofs tal-plot in kwistjoni hija kwindi msaħħa minn kliem Charles Tanti. F'paġna 400 tax-xhieda tiegħu, il-Perit Falzon jgħid hekk:

Meta jiena rajt il-hajt tal-appogg u rajt li kien skavat mhux ħażin, nimmagina li kien nizel iktar milli kien originarjament, jiena kont iltqajt ma' Pawlu Demicoli u mal-bennejja u ghidtilhom speċifikatament biex ma jmissux dan il-hajt.

.../....

Jiena ma tajt l-ebda struzzjonijiet fuq kif kellu jsir ix-xoghol mal-hajt tal-appogg lill-hadd, lanqas lil Batist. Fil-fatt huma ma kinux ser jibdew fuq il-hajt tal-appogg. Kellhom jibdew l-ewwel fuq il-pilastri. Mhux minnu li jiena tajt xi struzzjonijiet li kellu jsir xi xoghol mal-ħajt tal-appoġġ.

.../...

Jiena struzzjonijiet dwar x'tip ta' xoghol kellu jsir mal-h ta' l-appogg, kont ghadni ma tajthomx. Infatti kont ghadni qieghed nistabbilixxi x'tip ta' xoghol kellu jsir ma dak il-hajt. Nghid li l-unika struzzjonijiet li tajt dwar dak il-hajt kien sabiex ma jmissuhx.

83. Din l-istess verżjoni tal-Perit Falzon kienet ikkonfermata wkoll mid-draughtsman Kenneth Micallef fejn f'paġna 493 tax-xhieda tiegħu qal hekk:

Jien ghamilt dak li qalli l-perit biss u cioe li naghmel pjanta li effettivament hija esebita. Dik kienet l-unika struzzjoni li nghatat mill-perit sabiex naghmel il-bazi tal-pilastru li kellu jigi fin-nofs is-sit u niehu wkoll il-kejl relattiv kif wkoll id-dettalji tal-materjal li kien ser jintuza fil-pilastru tan-nofs.

84. Magħmula din l-analiżi, jirriżulta li l-appellant DEMICOLI kien ta struzzjonijiet biex Kevin Bonnici jagħmel xogħol ta' skavar bil-JCB

[28] Enfasi ta' din il-Qorti.
[29] Enfasi ta' din il-Qorti.

fuq il-pedament tal-binja li ġġarfet. Il-messaġġ mingħand DEMICOLI ġie mgħoddi wkoll lil Kevin Bonnici tramite l-bennejja Hili u Tanti. Wara li Kevin Bonnici kien beda x-xogħol fis-sit dakinhar tal-inċident l-appellant DEMICOLI u l-istess Bonnici kienu tkelmu bejnithom waqt li Bonnici kien qiegħed jagħmel ix-xogħol ta' tħaffir bil-JCB. Kevin Bonnici kien laħaq beda dan ix-xogħol għaliex il-bennejja kienu laħqu għaddewlu l-messaġġ li kien ħalla magħhom l-appellant DEMICOLI.

85. Din il-Qorti tqis ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-istruzzjonijiet sabiex isir dan ix-xogħol dakinhar tat-3 ta' Ġunju 2004 **ingħataw esklussivament mill-appellant Paul DEMICOLI**. Din il-Qorti tħoss li jirriżulta wkoll ampjament ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-Perit Falzon ma kienx għadu ftiehem fuq il-modalita' ta' kif kellu jsir ix-xogħol mal-appoġġ tal-ħajt li waqa' u li huwa kien ta struzzjonijiet sabiex ma jsir l-ebda skavar fuq din in-naħa.

86. DEMICOLI stess jixhed li kien jaf li t-turbazz kien ilu żmien espost għall-elementi bil-konsegwenza li dan seta' ddgħajjef:

> Meta għamilt il-konvenju kont qabbadt lil xi ħadd minn San Pawl li kien ħammel tlett filati. Dan għax daqshekk kelli bżonn. Dakinhar kien hemm diġa 8 filati oħra imħammla mis-sid preċedenti. Sussegwentement kont infurmajt lill-avukat tiegħi u lill-Qorti illi t-tafal ma kienx se jibqa' kif kien u dan għaliex kien maqtugħ xkaffa żewġ piedi u nofs mal-appoġġ **u kien hemm xi tlett filati isfel minn taħt il-pedament u għalhekk l-istruttura li kien hemm appoġġ ma kinitx safe.**[30] Jiena ħassejt li kelli nagħmel hekk peress li jiena dak iż-żmien kont għaddej bil-kawża u għadni fuq konvenju u għalhekk jiena ħassejt li ma stajtx inħalli t-tafal mikxuf għal ħafna snin.

87. Minkejja li skont l-appellant DEMICOLI l-istruttura "li kien hemm appoġġ ma kinitx safe" huwa xorta waħda għażel li jieħu d-deċiżjoni li tiġi trimmjata s-suletta tal-konkos li kienet qiegħda sservi ta' pedament għal dik binja "li kien hemm appoġġ" u uża s-servizzi ta' Kevin Bonnici sabiex bil-JCB jagħmel ukoll xogħol ta' skavar oltre għal dak ix-xogħol ta' tindif li kellu jsir fis-sit. B'hekk ma jistax jgħid li ma kienx prevedibbli għalih li kemm -il darba jsir dan ix-xogħol ta' trimjar tas-suletta u skavar taħt suletta fejn it-turbazz kien diġa' risaput li kien dgħajjef, setgħet issir ħsara serja lil binja, inkluż li l-binja tikkollassa. Il-perikolożita ta' dan ix-xogħol li kien qiegħed isir bil-JCB kien jidher ċar anke għal persuni li ma kienux midħla tas-

---

[30] Enfasi ta' din il-Qorti.

sengħa tal-kostruzzjoni. Ix-xhud okulari Peter Cilia f'foljo 166 qal is-segwenti:

> Fil-fatt għidt bejni u bejn ruħi kemm kien perikoluż u dan għaliex qiegħed xogħol taħt il-bini.

88. Bl-istess mod xehdet Marie Diane Mule Stagno f'paġna 73 tax-xhieda tagħha meta din qalet hekk:

> Niftakar għaddejt kumment lir-raġel u għidtlu kemm qed jgħaġġel tal-gaffa. Fil-fatt kont ssorprendejt ruħi wkoll li l-appoġġ kont irrimarkajt għaliex il-gaffa kienet qeda tmiss propju mal-appoġġ tal-mummy.

89. Persuni li ma kinux tas-sengħa u li deheru josservaw kif tal-JCB kien qiegħed jiskava taħt il-pedament tal-binja in kwistjoni deherilhom li dak li kien qiegħed iwettaq tal-JCB kien perikoluż; aħseb u ara kemm aktar kellu jagħmel din l-osservazzjoni l-appellant li huwa tal-mestjier. Ma kellux ikun diffiċli għall-appellant DEMICOLI, fiċ-ċirkostanzi u bil-konoxxenza tal-mestjier li kellu, li jipprevedi kif skavar bil-musmar taħt binja li kienet qiegħda tistrieh fuq turbazz dgħajjef setgħet tiġġarraf kaġun tal-iskavar li hu kien ta struzzjonijiet sabiex jitwettaq. Ma jirriżultax li minkejja li DEMICOLI għaraf din il-perikolożita', huwa ħa xi kawteli partikolari biex jipprevjeni l-event dannuż, li kien prevedibbli.

90. Għalkemm huwa minnu li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett, irriżulta b'mod sod mill-provi li x-xogħol tal-ittrimjar tas-suletta tal-konkos u l-iskavar taħt il-ħajt tal-appoġġ tal-binja li ġġarfet, kien sar fuq struzzjonijiet ta' DEMICOLI u mhux tal-perit arkitett. Din id-deċiżjoni tal-appellant DEMICOLI ikkontribwiet b'mod dirett għall-event dannuż li kien prevedibbli, indipendentement mill-fatt kwindi li r-responsabilita' għall-ikkawżar tal-event dannuż setgħet kienet taqa' fuq diversi persuni li lkoll ikunu kkontribwew għall-akkadut b'mod differenti u skont ir-rwol li jkunu assumew fil-proġett. Għalhekk, indipendentement minn x'responsabilita' seta' kellu l-perit, il-bennej, il-kuntrattur, is-subkuntrattur jew persuna oħra f'din il-ġrajja traġika, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) riedet tara x'kien l-irwol li assuma DEMICOLI f'dan il-każ u x'rabta diretta jew indiretta kellu dan l-irwol mal-ikkawżar tal-event dannuż. Mill-mument li DEMICOLI ta l-istruzzjonijiet lil Bonnici sabiex jittrimja s-suletta tal-konkos u jiskava taħtha DEMICOLI assuma r-responsabilita' għal dik id-deċiżjoni. Il-Liġi kienet tirrikjedi minnu li juża' l-ħsieb u l-għarfien tiegħu tal-mestjier ta' kuntrattur u

mhux sempliċement jagħti dawk l-istruzzjonijiet b'diżattenzjoni u non-kuranza għas-sigurta' ta' terzi.

91. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija (Spettur David Saliba) vs. Joseph Farrugia u Paul Farrugia** deċiż nhar id-19 ta' Settembru 2011, intqal:

> Barra minn hekk il-Liġi trid tkun applikata bil-buon sens speċjalment meta sengħa bħala kostruzzjoni mhix xi waħda ġdida u fuq medda ta' żmien ikunu stabbiliti prattiċi ċarissimi dwar x'wieħed għandu jagħmel biex inaqqas il-perikolu.

92. Bl-istess mod ingħand fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** deċiż nhar is-26 ta' Marzu 1998:

> Biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kulpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – ċjoe' l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – tgħallem lil f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu ppreġudikati.

93. L-imġieba tal-appellant DEMICOLI kienet ta' **'nuqqas ta' ħsieb'**, **'traskuraġni'** u **'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu'** kif ipprospettat fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda mhux biss.

94. Dan l-artikolu jipprospetta wkoll l-ipoteżi ta' kondotta kolpuża minħabba **'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti'.** Għal dan il-għan jeħtieġ li qabel xejn jiġi stabbilit (i) liema huma dawk ir-regolamenti li japplikaw għal każ tal-appellant (ii) jekk l-appellant kienx marbut b'dawn ir-regolamenti f'dan il-kuntest partikolari u fir-rwol li huwa assuma fuq is-sit in kwistjoni u (iii) jekk il-komportament tal-appellant kienx jammonta għal nuqqas ta' tħaris ta' dawn ir-regolamenti.

95. F'dan il-każ partikolari kienu applikabbli r-regolamenti li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol. F'dan il-każ l-appellant DEMICOLI ġie mixli illi kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6, 38(1)(3) tal-Att dwar l-Awtorita' Għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti numru 4,6,10 u 21 tal-Avviż Legali 36/2003 Regolamenti tal-2003 dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol.

96. Illi l-Att dwar l-Awtorita' Għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ma japplikax ħlief għal dawk il-persuni li jaqgħu fid-definizzjoni ta' 'ħaddiem' u 'min iħaddem' skont l-Artikolu numru 2 tal-imsemmija Att. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għad-definizzjoni ta' 'xogħol' taħt l-imsemmija dispożizzjoni:

> "xogħol" tfisser kull dmir, attività, ħidma jew servizz li jipproduċi prodott jew riżultat u li jkun bi skop ta' ħlas jew bla ħlas, għoti ta' oġġetti, ta' servizzi, ta' profitt jew ta' benefiċċju.
>
> "ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment.
>
> "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u
>
> (a) **<u>għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz,</u>**[31] tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qedisir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;
> (b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inkluż dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' mpjieg taħt kuntratt ta' servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kulħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum.

97. F'dan il-każ jirriżulta pruvat soddisfaċentement li DEMICOLI kien jagħmel xogħol ta' kuntrattur. F'dan il-każ, DEMICOLI kien dak li kien qabbad lil John Baptist Hili u Charles Tanti sabiex jeżegiwixxu xogħol ta' bini għall-interessi tiegħu. Hili kien xehed li kien jaħdem lil DEMICOLI, għalkemm f'dan il-każ kien jaħdimlu bil-fattura. Charles Tanti jixhed li kien lavrant ta' DEMICOLI u kien jaħdimlu wkoll bil-fattura. Biss anke jekk Hili u Tanti kienu jaħdmu għal rashom jew jimpjegaw lilhom infushom, jibqa' l-fatt li kwantu għal dan ix-xogħol ta' kostruzzjoni li kienu qegħdin jagħmlu fl-interess ta' DEMICOLI li kien qabbadhom jeżegwixxu x-xogħolijiet ta' bini, huma

[31] Enfasi ta' din il-Qorti.

kienu qegħdin jipprovdulu s-servizzi tagħhom fuq kuntratt ta' servizz jew għal servizz ossija kienu qegħdin jipprovdu ħidma jew servizz li jipproduċi prodott jew riżultat li jkun bi skop ta' ħlas (bil-fattura) għal servizzi ta' benefiċċju għal DEMICOLI. Hili u Tanti b'hekk jaqgħu fit-tifsira ta' "ħaddiem" li jipprestaw "xogħol" fis-sensi tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-konfront tagħhom, DEMICOLI kien dak li għalih kien qiegħed isir ix-xogħol jew jiġi mogħti servizz minn Hili u Tanti jew li kellu relazzjoni ta' xogħol magħhom. DEMICOLI għalhekk kien jaqa' taħt it-tifsira ta' "min iħaddem" għall-fini ta' din il-proċedura.

98. Mill-banda l-oħra, Kevin Bonnici rriżulta li ma kienx impjegat dirett ta' DEMICOLI in kwantu kien jaħdem m'Asfaltar Limited fejn Paul Magro kien l-imgħallem ta' Kevin Bonnici. Iżda f'dan il-każ irriżulta lil Qorti tal-Maġistrati (Malta), u l-provi ammissibbli f'dan il-każ hekk juru, li bejn DEMICOLI u Kevin Bonnici kien sar ftehim ad hoc mhux biss biex Kevin Bonnici jagħmel xogħol ta' tindif ta' turbazz bil-bucket, iżda wkoll – taħt struzzjonijiet diretti ta' DEMICOLI - Kevin Bonnici eżegwixxa xogħlijiet ta' skavar bil-musmar **<u>lil hinn mill-kuntratt ta' servizz li kien ftiehem dwaru DEMICOLI ma' Paul Magro</u>**. F'dan il-kuntest fejn allura Kevin Bonnici ingħata struzzjonijiet speċifiċi minn DEMICOLI li kienu jmorru lil hinn minn dak li DEMICOLI setgħa ftiehem mal-imgħallem ta' Kevin Bonnici, inħolqot relazzjoni ta' "xogħol" (kif imfisser iżjed il-fuq) ad hoc bejn il-kuntrattur DEMICOLI u l-operatur Kevin Bonnici. Għalkemm id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **Paul Demicoli vs. Ministru tal-Politika Soċjali, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Avukat Ġenerali (deċiża nhar is-16 ta' Jannar 2018)** ippronunzjat ruħha fis-sens li teskludi lil sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol mill-operazzjoni tagħha ħlief f'ċirkostanzi partikolari, l-istess regolamenti ma setgħux jitqiesu li jolqtu wkoll "il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq ix-xogħol" in kwantu dawn tal-aħħar kienu qegħdin imorru lil hinn minn dak li riedet il-liġi ewlenija. Dik il-Qorti kienet ċara li fis-sentenza tagħha ma kienet qegħda bl-ebda mod tiddeċiedi jekk l-attur, l-appellant DEMICOLI f'dan il-każ kienx jintlaqat jew le bir-regolamenti.

99. Jibqa' għalhekk il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), in bażi għall-provi li kellha quddiemha kkonkludiet li l-appellant DEMICOLI f'dan il-każ kien qiegħed jaġixxi fil-kwalita tiegħu ta' kuntrattur meta ried li jiżviluppa s-sit in kwistjoni. Mill-provi prodotti dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni,

kemm għaliex DEMICOLI ex admissis jgħid li huwa xogħolu kien ta' kuntrattur fil-qasam tal-kostruzzjoni, kif ukoll in kwantu l-bennejja li huwa qabbad biex jibnu dan is-sit huma l-istess bennejja li kien jaħdem bihom solitament tant li jidentifikaw ruħhom bħala ħaddiema jew lavranti tiegħu, għalkemm bil-fattura.

100. Mill-banda l-oħra kwantu għall-involviment ta' Kevin Bonnici mal-appellant DEMICOLI, in bażi għall-provi prodotti l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li stante li Bonnici kien impjegat ma Asfaltar Limited, iżda l-istruzzjonijiet li ta DEMICOLI lil Kevin Bonnici kienu jmorru lil hinn mit-termini li kien innegozja DEMICOLI ma' Paul Magro, għalkemm Bonnici ma kienx impjegat dirett ma DEMICOLI, Bonnici pero xorta waħda għażel li jaċċetta li jwettaq ix-"xogħol" mitlub minn DEMICOLI **lil hinn mill-kuntratt ta' servizz li kien ftiehem dwaru DEMICOLI ma' Paul Magro** b'mod li għalhekk, għall-fini ta' dak ix-"xogħol" partikolari, Bonnici ġie li qed jagħti s-servizz tiegħu lil DEMICOLI, meta kien qiegħed jaġixxi fil-kwalita tiegħu ta' kuntrattur fil-qasam tal-kostruzzjoni.

101. DEMICOLI mhux eskluż mill-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex fiċ-ċirkostanzi għalkemm huwa ma jaqax daqstant fid-definizzjoni ta' 'sid il-post', mill-banda l-oħra huwa jaqa' taħt il-kategorija ta' 'min iħaddem' grazzi għar-relazzjoni li stabbilixxa ma Hili u Tanti kwantu għax-xogħol ta' bini li kellhom jagħmlu għalih, u ma' Bonnici għal dak li jirrigwarda l-ftehim ta' skavar. Taħt l-imsemmi Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, DEMICOLI kwindi kellu dover statutorju li jiżgura li s-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li intraprenda jkunu salvagwardjati. U filwaqt li DEMICOLI jargumenta li d-deċiżjonijiet kien joħodhom il-perit u l-bennej kien jeżegwixxi, din l-imsemmija dispożizzjoni tagħmilha ċara wkoll li d-dover ta' 'min iħaddem' sabiex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta ta' dak li jkun jipprexxindu minn kwalsiasi dover ieħor li persuna oħra (ħaddiem jew persuna kompetenti jew persuna li tkun qiegħda toffri servizz) jistenna jkollha taħt l-istess Att.

102. Illi l-appellant DEMICOLI bħala persuna li jħaddem kellu l-obbligu li jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurta' dwar ix-xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni fejn kienu qiegħdin isiru x-xogħlijiet. F'dan ir-rigward jirriżulta li DEMICOLI qatt ma kien għamel evalwazzjoni tar-riskji qabel ma nbeda l-proġett. Dan xehduh ukoll ix-xhieda rappreżentanti tal-Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta Pubblika,

David Saliba, Noel Cachia u Charles Micallef. Charles Micallef f’paġna 143 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> Ahna morna lura fl-ufficini u rajna jekk gejna notifikati li kellu jsir xi xoghol f’dan is-sit u dan skont l-AL...... u effettivament ma konniex gejna infurmati b’dan ix-xoghol li kellu jsir. Suppost ghandna nigu notifikati skond il-Ligi mill-klijent li sejjer isir ix-xoghol fuq is-sit in kwistjoni li ma kienx hekk iktar minn 500 working days u iktar minn 20 haddiema għal 30 gurnata. Meta jkun hemm l-isvilupp **ghandu l-obbligu li jappunta project manager to design safe and the construction safe. Dawn flimkien jaghmlu r-risk assessment.**[32] Dawn id-dokumenti jigu mizmuma minni. Ahna ghandna dritt nitolbuhom meta mmorru fuq il-post. Qabel dan l-incident ahna qatt ma morna fuq is-sit in kwistjoni u qatt ma tlabnieh xejn. Dan ghaliex minhabba n-nuqqas ta’ riżorsi li ghandna l-awtorita u bin-numru zghir ta’ ufficjali li ghan dha, ma tistax taghmel check ups fuq il-postijiet kollha li jkun hemm under construction. Peress li **ma konniex gejna notifikati**[33] li kien qieghed isir xogħol, ahna ma stajniex naghmlu dan ic-checking.

103. Dan jikkonfermah ukoll Noel Cachia f’paġna 308 tax-xhieda tiegħu:

> Lanqas ma saret l-evalwazzjoni tar-riskju. Id-dipartiment ma kienx jaf li qed isir xi xoghol fuq dan il-post. L-evalwazzjoni tar-riskji ssir mill-kuntrattur u f’dan il-kaz ma sarx.

104. L-istess David Saliba f’paġna 311 tax-xhieda tiegħu:

> Dan l-evalwazzjoni tar-riskju huwa dokument li jista’ jkun parti minn a plan of work ghaliex huma zewg dokumenti fihom infushom. Ir-risk assessment hija evalwazzjoni ghal riskji li jistghu ikunu filwaqt li a plan of work jaghtina lilna dikjarazzjoni minn persuna kompetenti li normalment ikun perit jew xi hadd midhla f’dan il-qasam illi jaghtina s-sistema tal-proċedura li jkun ser jahdem biha. Dan is -system of work jghidilna isma xi prekwazzjonijiet, x’testijiet saru minhabba l-art, is-solidita’ taghha, jghidilna isma l-mod ta’ kif kien ser jinbena x-xogħol ser jsir b’tali mod, il-prekawzjonijiet ser jittiedhu b’dan il-mod.

105. F’dan ir-rigward issir riferenza għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Angelus Bartolo u Omissis** deċiż nhar il-11 ta’ Jannar 2007 fejn ingħad is-segwenti:

> Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x’mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta’ prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta’ perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b’ dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz.

---

[32] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[33] Enfasi ta’ din il-Qorti.

Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x' mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu "reasonably practicable" u gie ritenut li din il-frazi "seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed." "Walter,Wilson &. Son v.Summerfield" [1956] 1W.L.R.1429). F' "Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd [1973] S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge." (Ara CHARLESWORTH "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153). [emfazi ta-Qorti].

106. Pronunzjament simili huwa dawk misjub fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Magro** deċiż nhar il-11 ta' Diċembru 2008 fejn ingħad is-segwenti:

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6(1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-risk assessment li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull employer biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha w sigurta' skond l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424. Tajjeb li jigi rilevat li skond il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha w sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f' dan il-kaz- li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah plug meta kien "live", dan xorta ma jezimix lill-appellati mir-responsabillta' taghhom bhala employers minn-nuqqasijiet taghhom skond din il-ligi specjali.

107. L-appellant ġie wkoll mixli bil-ksur tar-regolamenti numru 4, 6, 10 u 21 tal-Avviż Legali 36/2003 kif rifless fl-imputazzjonijiet numru erbgħa, ħamsa u sitta. Dawn ir-regolamenti jikkontemplaw id-dover ta' 'min iħaddem' sabiex jassikura s-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u ta' terzi persuni b'mod ġenerali u d-dover li jsir eżerċizzju ta' evalwazzjoni tar-riskji marbuta max-xogħol li jkun qiegħed isir.

108. L-appellant jikkontendi li mill-provi ma jirriżultawx l-elementi kostitutivi ta' dawn ir-reati. Din il-Qorti ma taqbilx. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irriżulta ippruvat li:

a) L-appellant jaqa' fid-definizzjoni ta' 'min iħaddem' skont l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li jirriżulta li kien hu li kkommissjona lill-bennejja u kien hu li ta' struzzjonijiet (addizzjonali) lil Kevin Bonnici biex dan iwettaq ix-xogħolijiet li

eventwalment kienu l-kawża prossima għall-kollas tal-binja in kwistjoni. B'hekk l-esklużjoni tal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem' ukoll għal sid il-post ai termini tas-subinċiż a) tal-Artikolu 2 tal-imsemmi Kapitolu ma kienetx tapplika għal dan il-każ;

b) Bħala persuna li taqa' fid-definizzjoni ta' 'min iħaddem' DEMICOLI kien allura marbut mad-doveri kollha naxxenti mir-regolamenti numru 4, 6 u 10 tal-imsemmi Avviż Legali;

c) Mill-provi rriżulta ampjament kif DEMICOLI naqas milli josserva dawn l-obbligi hekk naxxenti mill-imsemmija regolamenti.

109. Lanqas ma tista' din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-appellant li dawn ir-regolamenti ma kinux jorbtu lill-appellant għaliex ix-xogħlijiet fis-sit in kwistjoni kienu ilhom li bdew. Huwa minnu li mill-provi ħareġ li kien sar xogħol ta' tħammil fis-sit bosta snin qabel seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża. Pero' dan ma jfissirx li kull xogħol ieħor li sar wara, inkluż ix-xogħol li sar fis-sit fis-sena 2004 hekk kif ikkommisjonat mill-appellant DEMICOLI, ma kienx allura issa jaqa' fil-kwadru leġislattiv li mbagħad daħal fis-seħħ fil-mument li fih kien beda jsir dak ix-xogħol partikolari. L-Avviż Legali 36 tal-2003, li fuq id-disposizzjonijiet tiegħu jistrieħu l-imputazzjonijiet numru erbgħa, ħamsa, sitta u sebgħa - daħlu fis-seħħ fis-sena 2003. B'hekk kienu diġa' in vigore fiż-żmien tat-twettiq tal-fatti li wasslu għall-kommissjoni tar-reati li ġew kontestati lil DEMICOLI.

110. F'dan il-kwadru probatorju il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tqis li l-appellant DEMICOLI kellu doveri obbligi statutorji **<u>bħala l-persuna li tħaddem</u>** liema dmirijiet ma ġewx osservati minnu meta ħa dik id-deċiżjoni konxja li ma josservax dawk l-obbligi li kienet timponi l-Liġi sabiex l-ewwel u qabel kollox jiddenuzja l-proġett tal-kostruzzjoni mal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol u b'rabta ma' dan, jagħmel pjan ta' prevenzjoni ta' ħsarat u inċidenti wara li jsir eżerċizzju ta' valutazzjoni ta' dawk ir-riskji li l-proġett kien jikkomporta. Lanqas ma osserva l-prinċipji bażiċi tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol li kien taħt il-kontroll tiegħu.

111. Għaldaqstant, dan il-komportament tal-appellant DEMICOLI jaqa' wkoll fil-parametri tal-kolpuż kif ipprospettat fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali fejn dan jitkellem ukoll dwar **'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti'.**

**Ikkunsidrat**

112. Illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kontestati lill-appellant DEMICOLI huma bbażati fuq l-Artikolu 328(a)(d) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid:

> Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati -
>
> a)jekk minħabba f'hekk tiġri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225;
> d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:

113. Kif intqal iżjed il-fuq, din il-Qorti tqis li mill-provi ammissibbli prodotti, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant DEMICOLI rrenda ruħu ħati fis-sensi tal-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali. Ir-raġunament imsemmi iżjed il-fuq japplika wkoll għal dan il-kuntest in kwantu l-ħsara kaġunata. L-aġir kolpuż tal-appellant ikkaġuna ħsara li waslet ukoll għall-mewt ta' żewġ persuni bi ksur kwindi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 328(a) tal-Kodiċi Kriminali li a sua volta jagħmel referenza għall-Artikolu 225 tal-imsemmi Kodiċi. Ġie soddisfaċentement pruvat li minħabba l-kollass tal-binja tilfu ħajjithom żewġ persuni. Apparti minn hekk, il-kollass tal-binja nnifisha, kif spjegat iżjed il-fuq kienet ukoll frott t'azzjoni kolpuża tal-appellant DEMICOLI li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, għamel ħsara lil parti mill-pedamenti tal-binja u konsegwenza tagħha ġġarraf parti mill-binja li ħalliet effetti devastanti fuq il-ħajja ta' żewġ persuni u l-familji tagħhom.

114. Mir-relazzjoni tal-Perit tekniku Richard Aquilina jirriżulta wkoll li nstemgħu d-diversi xhieda li soffrew danni (li ġew ikkwantifikati) minħabba dan l-istess aġir negliġenti tal-appellant DEMICOLI li wassal għall-kollass tal-binja in kwistjoni.

115. F'dan il-versant, jiġi notat pero li fil-parti operattiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ġie ċċitat l-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali bħala wieħed mill-artikoli li in bażi tagħhom sabet il-ħtija f'dan il-każ. Dak li jidher li ġara huwa li l-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) inkludiet fis-sentenza tagħha l-artikoli kif imsemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju li jsemmi l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jipprospetta r-reat ta' ħsara volontarja.

116. Biss dak li l-appellant DEMICOLI kien ġie oriġinarjament mixli bih kien ir-reat ta' ħsara **<u>involontarja</u>** u mhux ħsara volontarja. Il-Liġi ma tobbligax lill-Avukat Ġenerali biex jagħti r-raġunijiet għaliex f'nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu għażel li jixli lill-imputat b'reat aktar milli ieħor; b'hekk din il-Qorti ma għandha ebda informazzjoni dwar ir-raġuni għaliex l-Avukat Ġenerali għażel li jimputa lill-imputat bir-reat ta' ħsara volontarja meta l-Pulizija kienet xlietu bir-reat ta' ħsara involontarja personali u patrimonjali.

117. Mill-korp u l-motivazzjonijiet tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet il-ħtija fl-imputat appellant minħabba li kienet konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li kien hu dak li ġietu f'moħħu li juża l-musmar biex ineħħi s-suletta tal-konkos tal-pedament tal-fond adjaċenti u jiskava ulterjorment biswit din is-suletta u l-pedament tat-turbazz bil-konsegwenza li l-binja adjaċenti ftit aktar tard ikkollassat. Kienet konvinta li dan għamel hekk billi ta l-istruzzjonijiet lil Kevin Bonniċi biex bl-użu tal-musmar "jitrimja" l-ħajt biex b'hekk ikun jista' jżomm il-bini tiegħu kemm jista' jkun qrib mal-ħajt tal-fond li eventwalment ikkollassa.

118. Stando ma din l-interpretazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), id-deċiżjoni tal-appellant li jkisser dik il-parti tas-suletta tal-konkos tal-pedament tal-binja tal-ġirien <u>kienet deċiżjoni volontarja u li kkawżat ħsara fil-proprjeta tal-ġirien</u>. L-appellant ried li jkisser dik il-parti tas-suletta biex "jittrimmja" dak il-ħajt għall-konvenjenza tiegħu u a skapitu tal-proprejta tal-ġirien tiegħu; iżda mill-banda l-oħra ma rriżultax mill-provi li huwa għamel dak ix-xogħol bl-intenzjoni li jikkawwża dak il-kroll tal-ħajt tal-ġirien bil-konsegwenzi li dan ġab miegħu. Għalkemm l-azzjoni kienet volontarja l-istat mentali u l-kondotta tal-appellant ma rriżultax lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kienet doluża iżda kien kolpuża. Kif intqal fl-appell kriminali **Saverina sive Rini Borg** imsemmi iżjed il-fuq, hemm azzjonijiet li jistgħu jaqgħu taħt il-kolpa kuxjenti, li hija forma iżjed gravi mill-kolpa normali in kwantu l-element tal-prevedibilita hija iżjed pronunzjata f'dan il-każ b'mod li tikkonfina mad-doluż, ossija l-volut.

119. F’dan il-każ il-Pulizija xliet lil appellant DEMICOLI bir-reat ta’ omiċidju involontarju u ħsara involontarja. Iżda fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali għażel li jixli lil DEMICOLI bir-reat ta’ omiċidju involontarju u fl-istess waqt akkużah ukoll bil-ħsara volontarja. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) pero qieset li minkejja li l-Avukat Ġenerali xela’ lil DEMICOLI bil-ħsara volontarja, mill-provi rriżultalha li għalkemm l-azzjoni ta’ DEMICOLI li jagħti struzzjonijiet biex tiġi trimmjata s-suletta tal-konkos u x-xogħol ta’ tħammil biswitha kienu volontarji, mill-banda l-oħra l-ħsara li kienet saret lil binja li kkollassat ma kienetx waħda volontarja, iżda waħda li kienet taqa’ taħt il-klassifikazzjoni tal-colpa cosciente. Fi ftit kliem ma qiesetx li setgħet tqis l-azzjoni ta’ DEMICOLI bħala waħda li taqa’ fil-parametri tad-doluż taħt it-tifsira tal-intenzjoni pożittiva indiretta – anke jekk id-distinzjoni bejniethom tista’ f’ċerti każijiet tkun waħda verament sottili.

120. Jibqa’ l-fatt pero li ġaladarba l-Avukat Ġenerali xela lil DEMICOLI bir-reat ta’ ħsara volontarja, l-kwistjoni tibqa’ li l-provi kkonvinċew lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) li dik il-ħsara kaġunata mill-appellant kienet taqa’ fil-parametri tal-ħsara kolpożament kommessa u mhux tal-ħsara dolożament kaġunata.

121. Mill-assjem tal-provi din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni wkoll. Biss kien ikun iżjed għaqli għaliha li fil-motivazzjonijiet tagħha, apparti li tispjega r-raġunijiet għaliex qieset lill-appellant responsabbli kolpożament, iżżid ukoll il-bażi legali li waslitha li, minkejja li l-Avukat Ġenerali xela lill-appellant bir-reat ta’ ħsara volontarja, spiċċat sabitu, fuq l-istess nota ta’ rinviju għall-ġudizzju ħati tar-reat ta’ ħsara involontarja. Fil-fatt skont ġurisprudenza oħra ta’ din il-Qorti - bħall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** tal-10 ta’ Mejju 2002 mogħtija mill-Prim’Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano - meta persuna tkun ġiet mixlija bil-kommissjoni ta’ reat doluż u l-provi jkunu juru li l-imputat ikun wettaq il-fatt li jikkostitwixxi r-reat mhux b’mod doluż iżda b’mod kolpuż, il-Qorti xorta waħda tista’ ssibu ħati tal-kommissjoni tar-reat - mhux fil-forma doluża kif tkun ġiet imputata oriġinarjament iżda fil-forma kolpuża – jekk din tkun tirriżulta mill-provi. Dan peress li r-reat kolpuż ikun ritenibbli bħala reat minuri iżda kompriż u involut f’dak imputat fil-forma doluża.

122. Għalhekk għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ma sabitx lill-appellant ħati fis-sensi tal-artikolu 325(1) tal-Kodiċi

Kriminali, mill-banda l-oħra dik l-akkuża kienet tinkludi fiha r-reat minuri, iżda kompriż u involut kontemplat fl-artikolu 328(a)(d) tal-Kodiċi Kriminali.  B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet issib il-ħtija taħt l-artikolu 328(a)(d) tal-Kodiċi Kriminali, minkejja li l-Avukat Ġenerali ma kienx niżżel dan l-aħħar artikolu fil-korp tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu stante li dan huwa ritenibbli reat minuri iżda kompriż u involut f'dak misjub fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

123. Illi għaldaqstant, din il-Qorti tqis li **l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet** miġjuba kontra l-appellant DEMICOLI jirriżultaw ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

**Ikkunsidrat**

124. Ir-responsabilita' penali għall-ksur tal-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminalibażat ukoll fuq 'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti' ma teskludix il-passibilita' penali tal-appellant għall-ksur tar-regolamenti tas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol. F'dan il-każ l-appellant ġie mixli wkoll bil-ksur tal-Artikoli 6, 7, 38(1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-ksur tar-regolamenti numru 4, 6, 10, 15 u 21 tal-Avviż Legali 36/2003.

125. In bażi għall-provi prodotti, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal li ssib li l-appellant DEMICOLI kiser il-Liġijiet u regolamenti applikabbli dwar is-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol. Biss, f'dan ir-rigward, din il-Qorti tirrileva li, filwaqt li għandha tiġi kkonfermata l-ħtija fl-appellant għall-ksur tal-imsemmija liġijiet, ma tistax tinstab ħtija wkoll għal ksur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 424 u tar-regolamenti numru 15 tal-Avviż Legali 36/2003 għaliex dawn isejħu lill-'ħaddiem' u mhux lil 'min iħaddem'.

126. Illi, għaldaqstant, il-Qorti tqis li jirriżultaw ukoll ippruvati sal-grad rikjest mil-Liġi, **l-imputazzjonijiet numru erbgħa, sitta u sebgħa** hekk kif miġjuba kontra l-appellant DEMICOLI.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet fuq il-ħames u l-aħħar aggravju**

127. Illi l-appellant jilmenta li huwa ma kellux jiġi ikkundannat iħallas anki l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-esperti innominati fl-Inkjesta Maġisterjali in kwantu din l-emenda ġiet introdotta fil-Kodiċi Kriminali biss fl-2005 meta l-fatti tal-każ in diżamina jirrisalu għas-sena 2004.

128. L-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien li seħħ ir-reat kien jaqra b'dan il-mod:

> **533.** (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio* u jekk il-prosekutur jagħmel talba għaldaqshekk, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f 'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, ta' l-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f 'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

129. Imbagħad wara li daħal fis-seħħ l-Att XIII tal-2005 l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ġie jaqra b'dan il-mod:

> **533.** (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f 'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, ta' l-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk ta' l-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal ta' l-inkjesta f'dak iż-żmien u f 'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

130. L-Att XIII tal-2005 kien ġie promulgat fid-29 ta' Lulju 2005. Mill-banda l-oħra l-Proċes Verbal ġie magħluq fil-21 ta' Ġunju 2005, u allura qabel ma ġie fis-seħħ dan l-Att bl-emenda li bis-saħħa tagħha anke l-ispejjeż tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-inkjesta. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ikkonfermat lill-esperti kollha nominati fl-inkjesta u għamlithom tagħha matul il-proċeduri kollha permezz ta' verbal fl-atti tal-proċeduri istruttorji fl-20 ta' Lulju 2005. Anke din il-konferma saret qabel ma ġie promulgat l-Att XIII tal-2005. F'dan is-sens allura l-Qorti tqis li dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ u allura l-appellant ma għandux jiġi kundannat li jħallas l-ispejjeż peritali relativi għall-esperti li kienu ġew nominati matul l-inkjesta maġisterjali.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

131. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

132. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15

ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

133. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell

fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

134. Illi mistqarra dawn il-prinċipji din il-Qorti tirrileva li l-piena ta' tlett snin priġunerija kienet mhux biss taqa' fil-parametri preskritti mil-Liġi iżda lanqas ma kienet manifestament eċċessiva meta jiġi ikkalkolat it-terminu massimu ta' priġunerija li seta' jiġi impost ai termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali.

135. L-appellant DEMICOLI fejn dan jisħaq li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) m'għamlet l-ebda referenza għall-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali li tirreferi għall-konkors ta' reati fejn il-wieħed iservi bħala mezz ai fini sabiex jiġi kommess reat ieħor. Biss fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ma taqbilx li dan l-artikolu jsib l-applikazzjoni tiegħu bejn l-ewwel u t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja**[34] fejn intqal li r-reat jista' jikkonfigura ruħu xorta waħda "on its own merits" u ma jkunx jista' jiġi invokat l-benefiċċju tal-artikolu 17 (h) tal-Kodiċi Kriminali.[35]

136. Fil-każ in diżamina l-eżerċizzju ta' reviżjoni li għandu jsir irid imur oltre minn sempliċi kalkolu matematiku sabiex jiġu stabbiliti l-parametri tal-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tal-appellant DEMICOLI. Issa, mill-fedina penali tal-appellant, ma jirriżultax li fi tnax-il sena reġa' xellef difrejh mal-ġustizzja. In oltre, din il-Qorti tqis ukoll li hawnhekk si tratta ta' kawża li ilha għaddejja għal tna -il sena u dan għaliex mhux biss kien hemm numru ta' xhieda x'jinstemgħu iżda anki għaliex oltre għal xi żewġ episodji ta' dewmien min-naħa tal-Prosekuzzjoni u xi safriet li ġew awtorizzati jmorru l-imputati, fl-4 ta' Frar 2010 ġiet istitwita kawża mill-appellant stess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell Kriminali, fuq talba ta' Paul Demicoli stess tefgħet il-kawża 'sine die'. Minn din id-deċiżjoni kien sar ukoll appell liema appell ġie deċiż fis-sena 2018.

137. Issa l-prinċipju regolatur għal dak li jirrigwarda tnaqqis fil-piena minħabba t-trapass taż-żmien, huwa dak li minkejja li t-trapass taż-żmien ma jfissirx awtomatikament temperament fil-piena, jista' f'ċertu każijiet jikkomporta dan. F'dan ir-rigward, din il-Qorti qiegħda

[34] Deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002.
[35] Enfasi ta' din il-Qorti.

tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia, John Bugeja, Loreto Bonello u Omissis** deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2002:

> Issa apparti li kif gje spjegat aktar il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati (ara . Ir-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard (24.7.2000) u r-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000) )
> Jista' pero' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il piena ma kienux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra.
> Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.

138. Illi fattur ieħor li din il-Qorti jeħtieġ li tikkunsidra fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena hija x-xhieda li ngħatat minn bint waħda mill-vittmi Marie Diane Mule Stagno f'paġna 955 tal-atti proċesswali. Id-deċiżjoni dwar il-piena hija responsabilita tal-Qorti. Dan ma jfissirx li l-Qorti m'għandhiex, jekk tkun tal-fehma li hekk għandu jsir, tivvaluta ċirkostanzi li jimmiltaw favur temperament fil-piena. Anzi, ikun ġust li dan iseħħ f'kawżi bħal din fejn mill-mument li tkun ġiet imposta l-piena oriġinali għall-istadju tas-sentenza definittiva jkun għadda ż-żmien u jaf ikun hemm ċirkostanzi bħalma huma r-riforma tal-appellant, il-ħlas ta' xi danni subiti, il-maħfra ta' xi vittmi, li jistgħu jkunu ta' rilevanza fl-eżerċizzju ta' reviżjoni li tiġi msejħa tagħmel il-Qorti tal-Appell in meritu għall-piena.

139. Marie Diane Mule Stagno xehdet kif lil DEMICOLI u lil Bonnici ħafritilhom u ma xtaqitx li jsofru piena karċerarja iżda li hi tħoss li *community service order* tkun iktar idonea sabiex is-soċjeta' tieħu lura xi ħaġa minn din il-ġrajja. Is-sanzjoni ta' ordni ta' servizz fil-kommunita' regolata bl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta taqa' fil-parametri tal-Liġi għaliex il-piena massima għar-reati li tagħhom jinsab mixli l-appellant DEMICOLI ma jeċċedux is-seba' snin priġunerija. Biss, din il-Qorti ma tistax teroga din il-forma ta' piena in kwantu fl-istadju opportun ma kienx sar stħarriġ f'dan is-sens skont l-artikolu 11(3)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

140. Iżda apparti minn hekk, f'dan il-każ, il-grad ta' responsabbilita tal-appellant DEMICOLI ma kienetx tali li tippermetti lil din il-Qorti li tapplika dik il-miżura fil-konfront tiegħu. Dan kien każ traġiku fejn żewġ persuni sfaw maqtula f'darhom stess kwindi fil-post fejn il-bniedem għandu **dritt sagrosant** li jħossu l-iktar sikur. Iżda b'mod partikolari trattasi ta' każ fejn l-appellant DEMICOLI kien qiegħed iwettaq attivita' li biha setgħa jipprevedi l-event dannuż. Huwa minnu li huwa ma kienx il-perit li kien qiegħed inkarigat mit-tmexxija tal-proġett iżda kien hu u ħadd iktar li ħa d-deċiżjoni li jsir trimmjar tas-suletta tal-konkos tal-pedament tal-binja adjaċenti u l-iskavar taħt il-blokka u dan meta kien jaf li l-istat tal-pedament sottostanti kien dubjuż. U kien hu li ta l-ordni biex dak ix-xogħol isir. Din il-Qorti jiddispjaċieha tosserva kif l-attitudni tal-appellant kienet waħda manifestament negliġenti - rażenti d-doluż - fejn baqa' għaddej bix-xogħol li kellu f'moħħu li jwettaq mingħajr ma waqaf jaħseb ftit fuq il-konsegwenzi faċilment prevedibbli ta' dak li ta struzzjonijiet sabiex jitwettaq. Għalkemm huwa prova jitfa' r-responsabilita fuq il-bennejja, fuq ħaddiema oħra u l-perit, il-provi sodi wrew li kien hu stess li qabbad lil Kevin Bonnici biex jagħmel dan ix-xogħol li wassal biex krollat il-binja de quo.

141. Illi dak li xehdet il-vittma huwa ammirevoli meta talbet illi jiġu maħfura DEMICOLI u Bonnici; biss id-deċiżjoni tal-Qorti, filwaqt li trid tieħu kont u qies tal-animu nobbli ta' din il-vitma f'dan il-każ, ma kellhiex ukoll l-istess riskontru mill-vitmi l-oħra li kienu affettwati b'dan l-inċident. Il-Qorti, filwaqt li tagħti widen lix-xewqat ta' din il-vitma, għandha wkoll tirrifletti bilanċ bejn l-interessi tal-parte civile u tal-ġudikabbli u tal-interessi tas-soċjeta' b'mod ġenerali. Huwa minnu wkoll li l-ħajjiet mitlufa m'humhiex ser jitreġġgħu lura, iżda mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tgħid li b'daqshekk kollox għandu jkun maħfur u minsi. Mistqarr dan għalkemm il-kwalita tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet dik indikata u ma kienetx żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva, pero din il-Qorti tqis li t-talba tal-vitma Mule Stagno għandha tiġi riflessa wkoll f'temperament fil-kwantum tal-piena imposta biex tirrifletti kemm il-grad ta' responsabbilita u kulpabilita tal-appellant DEMICOLI fuq naħa kif ukoll ir-raġunijiet mitiganti msemmija qabel, fuq in-naħa l-oħra.

142. L-appellant DEMICOLI, kuntrattur esperjenzat kif kien, ried joqgħod iżjed attent kif jaħdem, x'xogħolijiet jordna u x'modalitajiet jippreferiġġi li jsiru fuq sit ta' kostruzzjoni. Din il-Qorti tista' tifhem li

kuntrattur (li anke minħabba raġunijiet ta' natura ta' żmien u oħrajn ta' natura finanzjarja) jista' jkun marsus bil-ħin u jkun irid li jwettaq il-proġetti edilizji tiegħu fl-iqsar ħin u bl-inqas spejjeż possibbli. Iżda dan ma jista' qatt isir a skapitu tas-saħħa u s-sigurta tiegħu innifsu; tal-impjegati jew ħaddiema li jkollu miegħu; u aktar u aktar għal dawk il-persuni innoċenti li jkunu affettwati minn dawk ix-xogħolijiet minħabba li djarhom ikunu parti mill-proġett jew ġirien miegħu jew ta' dawk li jkunu nzertaw għaddejjin mill-akkwati meta jseħħ inċident.

143. L-iżvilupp fil-qasam tal-kostruzzjoni huwa importanti għax huwa mutur ekonomiku ta' kull pajjiż. Iżda dan il-qasam irid iħares l-interessi finanzjarji tiegħu b'mod li ma jkunx a skapitu tal-ħarsien ta' saħħet in-nies u tal-ħaddiema f'dan il-qasam, liema ħajjiet jibqgħu dejjem iżjed importanti minn kull prospett ta' żvilupp ekonomiku jew qliegħ finanzjarju – irrispettivament minn liema settur ekonomiku wieħed ikun qed jitkellem dwaru.

144. F'dan il-każ is-saħħa u s-sigurta tal-kuntrattur innifsu, tal-ħaddiema li kellu miegħu u ta' terzi persuni ġew imqegħda f'perikolu b'dak ix-xogħol u bil-modalita speċifika li l-appellant DEMICOLI ordna li jsir dakinhar tal-inċident. Il-ħajja ta' żewġ persuni innoċenti u inermi ġew maħsuda bħala konsegwenza ta' dan.

# DECIDE

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell in parti billi:**

**a) Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant DEMICOLI ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjoni;**

**Filwaqt illi:**

**b) Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sebet lill-appellant ħati fir-rigward tal-ħames imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza dwarha;**

**c) Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-appellant ġie kundannat li jħallas l-ispejjeż peritali inkorsi matul l-inkjesta maġisterjali;**

**d) Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena fejn ġiet imposta piena ta' tliet snin priġunerija u minflok timponi l-piena ta' <u>sentejn priġunerija</u>.**

**Altrimenti safejn mhux mibdul b'din is-sentenza tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**